# 10 SNIN MILL-BIDU TAR-RESTAWR TAL-ARLOĠĠ TAL-KNISJA PARROKJALI TAL-IMQABBA MINN ALFRED BEZZINA

Marvin Sciberras

L-arloġġ li jinsab mal-kampnar waħdieni tal-Knisja Parrokjali tal-Imqabba huwa wieħed mill-eqdem tax-xorta tiegħu f'pajjiżna. Dan l-arloġġ ilu għal żmien twil iħares lejn il-parti ewlenija tal-Pjazza tar-raħal u jgħarraf lill-parruċċani bil-ħin li jkun permezz ta' tokki ħelwin tant sinonimi mal-qniepen tal-Imqabba.

Bħal kull ħaġa oħra li l-passaġġ taż-żmien iħalli l-marka fuqha, dan l-arloġġ kien imissu l-istess xorti u waqaf milli jaħdem b'riżultat ta' bosta ħsarat li kellu. Fil-fatt dan l-arloġġ għamel eżattament sena u nofs wieqaf. Saru diversi tentattivi biex din il-ħsara tissewwa, iżda qatt ma ħallew il-frott mixtieq. Fuq inizjattiva tal-Imqabbi Patri Karm Zammit, ġie avviċinat Alfred Bezzina biex jidħol għal din il-biċċa xogħol hekk impenjattiva.

Alfred Bezzina huwa propjament minn San Ġwann u twieled nhar il-21 ta' Jannar 1948. Huwa żżewweġ lil Maria neè Xuereb mill-Imqabba u ġie jgħix f'dan ir-raħal u għandhom żewġt itfal: Il-Perit Anthony Bezzina u Dorianne Bezzina. Ta' min jgħid li l-familja tal-mara tiegħu, magħrufa bħala "Tan-Naqri" huma Partitarji kbar tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju. Fil-fatt huma qraba tal-mibki Dun Ġużepp Xuereb li kien jokkupa l-kariga ta' Prokuratur tal-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni. Sa minn ċkunitu, Alfred kien jinteressa ruħu mhux ftit fix-xogħol tal-mekkanika u l-elettriku u dan il-fatt ikkontribwixxa sew biex ix-xogħol fuq dan l-arloġġ isir bl-aktar mod professjonali possibbli.

L-ewwel biċċa xogħol li kellu Alfred kien li jeżamina l-istess arloġġ biex jiddentifika eżatt xi ħsarat kellu. Id-deċiżjoni tiegħu kienet li l-arloġġ kellu jiżżarma immedjatament anke minħabba xi ħsarat li sarulu tul is-snin meta kien hemm tentattivi sabiex isirulu xi tiswijiet. Il-Kappillan ta' dak iż-żmien, il-mibki iżda qatt minsi Dun Nazzareno Caruana mill-Mellieħa, ta l-permess biex ix-xogħol ikun jista' jinbeda. Immedjatament wara







Is-Sur Alfred Bezzina waqt fażi mir-restawr tal-arloġġ tal-Knisja.





l-Festa tal-Madonna tal-Ġilju 2005, beda x-xogħol ta' żarmar u l-arloġġ inġarr biċċa biċċa sal-garaxx tiegħu. L-ewwel fażi tax-xogħol kienet tinkludi installazzjoni ta 19-il sinna ġdida fuq l-ingranaġġ minħabba li dawk eżistenti kienu ddeterjoraw; ingranaġġ ġdid żgħir, boxxli u kif ukoll pinnijiet ġodda.

L-intenzjoni t'Alfred li ħafna mix-xogħol jagħmlu b'mod manwali kienet waħda għaqlija. Dan biex kemm jista' jkun l-arloġġ jibqa' konformi mas-sengħa oriġinali li nħadem biha. Sitt xhur wara, jiġifieri l-għada tal-Milied 2005, ix-xogħol tlesta. Imbagħad, kien imiss biċċa xogħol oħra delikata, dik li l-arloġġ jerġa' jitpoġġa fil-post tiegħu. Partitarju ieħor tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, Alfred Xuereb (Tal-Patri), offra l-esperjenza tiegħu f'dan il-qasam biex ikun jista' jgħin lil Alfred Bezzina jagħmel dan. Wara li din l-operazzjoni ġiet fi tmiemha, is-sodisfazzjon ma kienx żgħir, għaliex fl-aħħar, wara tul ta' żmien, l-Imqabbin reġgħu bdew jaraw u jisimgħu l-arloġġ jaħdem sew. Alfred Bezzina u Alfred Xuereb għamlu tajjeb ukoll għall-ispejjeż involuti li dak iż-żmien ammontaw għal madwar €200.

L-ewwel fażi ta' dan il-proġett tista' tgħid li ntemmet b'suċċess, iżda biex l-arloġġ ikun komplut, kien jinħtieġ li jibda x-xogħol fuq id-daqq tal-kwarti u tas-sigħat. Din il-biċċa xogħol daħal għaliha l-istess Alfred Bezzina. L-istess prinċipju ta' xogħol bl-idejn ġie attwat anke f'din il-fażi tal-proġett, fejn jidħlu l-boxxli, l-ingranaġġi u kif ukoll il-pinnijiet u għalhekk wieħed jifhem li x-xogħol itul xi ftit. Dan apparti l-fatt li dak iż-żmien kien għad kellu x-xogħol tiegħu u għalhekk seta' jiddedika ħinu biss wara li jkun temm il-ġurnata. Bl-għajnuna t'Alla, ix-xogħol ġie ffinalizzat fl-2008 u hekk nistgħu ngħidu li l-arloġġ kien ġie kompletament restawrat.

Fatt li forsi ftit huma dawk li jafuh hu li Alfred Bezzina qatta' ħames snin sħaħ jitla' fil-kampnar kuljum biex jagħti l-ħabel lill-arloġġ, biex ikun jista' jaħdem b'mod tajjeb. Kif jgħidu sew, biċċa xogħol taqla' oħra, u għalhekk, nibet il-ħsieb li tinstab alternattiva biex il-ħabel jibda' jingħata b'mod elettroniku. Wara dan iż-żmien kollu li l-arloġġ kien jieħu l-ħabel bl-idejn, Bezzina reġa' beda x-xogħol biex il-mażżri li jagħtu l-ħabel lill-arloġġ minflok jitilgħu bl-idejn kif kienu qabel, jibdew jitilgħu b'mod elettroniku. Dan ix-xogħol ta' inġenerija ra l-bidu tiegħu f'Diċembru 2013 u tlesta fl-1 ta' Frar 2014, żmien il-Kappillan il-Kanonku Dun George Spiteri miż-Żejtun. L-ispejjeż kollha involuti tħallsu minn Alfred Bezzina u l-familja tiegħu. L-ispiża tal-materjal li nxtara biex isir ix-xogħol ta' dawn iż-żewġ fażijiet laħqet is-somma ta' €1,500 biss, u dan kien possibbli għaliex Alfred Bezzina għamel ix-xogħol kollu fuq l-arloġġ senza interessi. Kieku ma sarx hekk, l-ispiża kienet tkun ferm għola. Wara aktar minn sena li saret din il-biċċa xogħol, dan l-arloġġ għadu jaħdem u jdoqq b'mod impekkabbli. Fatt interessanti huwa li jekk l-arloġġ inċidentalment tiġrilu l-ħsara jew jeħel, dan jitfi s-salvavita u jekk imur id-dawl, ikollu ħin ta' 24 siegħa addizzjonali jaħdem.

Illum għandna tassew għalfejn inħossuna xxurtjati bħala komunità Imqabbija li għadna nsibu dawn it-tip ta' nies li jagħtu ħinhom b'tant imħabba u dedikazzjoni għall-ġid tal-Parroċċa. Minn din il-paġna, f'isem kulħadd, speċjalment is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, nirringrazzjaw lil Alfred Bezzina tal-proġett li mexxa u wettaq u nawgurawlu aktar sodisfazzjon fil-ħajja tiegħu.